# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 829/21/1 MH**

**Il-Pulizija (Spettur Melvyn Camilleri)**

**v.**

**Martin Tabone**

1. Martin Tabone ('appellant') appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla tad-29 ta' April 2022 li ddeċidiet talba għal referenza li saret mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja b'dan il-mod:

> *"Għaldaqstant tiddisponi mill-istess referenza b'dan illi x-xhud sottomessa għal buccal swab mhux se ssofri leżjoni ai terminu tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*
>
> *Tibgħat lura l-atti kollha, inkluż din ir-referenza, lill-Qorti Istruttorja biex b'hekk tissokta l-istess kumpilazzjoni"*.

2. Bħala fatti jirriżulta li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja hemm proċeduri kriminali kontra l-appellant bl-akkuża ta' stupru. Il-*parte civile* talbet li jsir test tad-DNA fuq tnejn min-nies. Waħda minnhom oġġezzjonat li tagħti *buccal swab* u b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2021 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma tatx il-permess li jittieħed *buccal swab* minn fuq dik il-persuna jekk mhux bil-kunsens tagħha. Minkejja dak id-digriet l-Avukat Ġenerali reġa' talab li jittieħed *buccal swab* minn fuq l-istess persuna. Dan wassal sabiex b'digriet tas-16 ta' Diċembru 2021 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat referenza sabiex jiġi determinat jekk it-teħid ta' *buccal swab* minn fuq terza persuna li mhijiex parti għall-proċeduri kriminali, jiksirx il-jedd fundamentali tagħha taħt l-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Fid-digriet intqal:

> *"Illi ġara illi waħda mill-partijiet u ċioe' ..... ma tatx il-kunsens tagħha (vide nota a fol. 158) iżda l-Avukat Ġenerali baqa' jinsisti fuqha.*
>
> *Illi din il-Qorti tat digriet dwar dan il-punt fit-12/10/2021 fejn ċaħdet it-talba tal-Avukat Ġenerali a bażi tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*
>
> *Sussegwentement l-Avukat Ġenerali reġa' talab għal din ix-xhud permess ta' rikors datat 23/11/2021 fejn ġiet ippreżentata risposta mid-difi'a datata 7/12/2021.*
>
> *Illi l-Qorti tħoss illi din il-kwistjoni stante li qatt ma tqajmet, timmerita li tiġi ssindikata u trattata mill-Qorti Kostituzzjonali u wara li rat l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni tirreferi dawn il-proċeduri lill-Qorti Kostituzzjonali sabiex jiġi deċiż definittivament dan il-punt u għaldaqstant tħalli dawn il-proċeduri sine die sakemm ma jiġi deċiż dan il-punt".*

3. Bis-sentenza li tat fid-29 ta' April 2022 l-ewwel Qorti wieġbet li t-teħid tal-*buccal swab* ma jwassalx għall-ksur tal-jedd fundamentali taħt l-Art. 8 tal-

Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem. L-ewwel Qorti wara li għamlet referenza għall-Art. 397 u 355B tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll għall-ġurisprudenza, fosthom is-sentenza tal-QEDB fil-każ **Caruana v. Malta** (app. 41079/16), qalet:

> *"Applikati dawn l-insenjamenti tqies li hawn si tratta ta' kumpilazzjoni b'akkużi ta' stupru. Tqies illi l-ordni li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati, qua Istruttur, fil-konfront tax-xhud hija waħda li tistrieħ fuq l-artikoli tal-liġi ġia ċitati. Hija ordni leġittima magħmula bis-saħħa tal-liġi u huwa għemil li huwa għal kollox previst, foreseeable, ċioe'li jkun użat b'mod li wieħed jista' jobsru.*
>
> *Verament kif inhu stabbilit fil-ġurisprudenza ċitata t-teħid ta' likwidu uman, tramite buccal swab, jikkonsisti f'indħil ai terminu ta' l-artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni. Pero bla dubju ta' xejn hu wieħed permess fl-ambitu ta' l-artikolu 8(2). Huwa ndħil li huwa neċessarju u "meħtieg f'soċjeta' demokratika fl-interress tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika.. biex jiġi evitat id-dizordni" u dan jingħad għax il-kors tal-ġustizzja u l-amministrazzjoni tagħha huma immirat ukoll għalhekk.*
>
> *Tara ukoll li l-istess indħil jżomm il-proporzjonalita' meħtieġa. Meqjus li r-reat li hu miġjub kontra l-imputat Tabone hu ta' stupru u lix-xhud imsejħa retiċenti hi mitluba biex tagħti buccal swab tagħha biex issaħħah o meno l-akkużi mressqa, meqjus ukoll kif ingħad supra illi it-teħid ta' saliva mhux xi att ikkonsidrat wieħed daqstant invasiv u li fuq kollox l-għan ta' tali invażjoni hu li jipproteġi l-interess nazzjonali u l-ordni pubbliku għax l-għan tal-kors tal-ġustizzja huwa ukoll dan, allura l-fehma tal-Qorti hija illi dan l'hekk imsejjaħ indħil huwa ben proporzjonat għal l-iskop li hu meħtieġ. Tqies għalhekk illi dan jaqa' sewwa sew f'dak li tgħid il-kelma tal-konvenzjoni fl-artikolu 8(2) hu konsegwentement ix-xhud mhu se ssoffri ebda leżjoni jekk jittieħdilha l-buccal swab mitlub".*

4. B'rikors preżentat fid-9 ta' Mejju 2022 l-appellant appella mis-sentenza u lmenta li:

i. L-ewwel sentenza hi difettuża għaliex it-terza persuna ma kinitx parti fil-proċeduri ta' referenza.

ii. L-ewwel Qorti żbaljat li ordnat li l-ispejjeż ikunu a karigu tal-appellant meta tikkonsidra li l-kwistjoni ma tqajmitx fuq talba tal-appellant iżda l-ordni ta' referenza ġiet provokata mill-Avukat Ġenerali. Dan apparti li l-kwistjoni ma kinitx dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tal-appellant.

5. Fid-19 ta' Mejju 2022 l-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

6. Għas-seduti li saru quddiem l-ewwel Qorti dehru d-difensuri tal-appellant, id-difensur tal-*parte civile* fil-kawża kriminali, u d-difensuri tal-Avukat tal-Istat, Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija.

**Konsiderazzjoni**:

7. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ordnat referenza taħt l-Art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319) minħabba l-kwistjoni dwar ksur tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jekk jittieħed *buccal swab* minn fuq persuna kontra l-volonta` tagħha. Terza persuna li mhijiex parti fil-kawża kriminali u li lanqas ma tressqet bħala xhud. Fil-kawża kriminali l-Avukat Ġenerali qiegħed jinsisti li jittieħed *buccal swab* minn fuq it-terza persuna sabiex ikun jista' jsir test tad-DNA u b'hekk jiġi determinat jekk hemmx traċċi tad-DNA tal-imputat fid-DNA tat-terza persuna.

8. Mill-atti tar-referenza jirriżulta li t-terza persuna ma kinitx parti f'dak il-proċess u lanqas ġiet notifikata bl-avviż tas-smigħ. L-appellant qiegħed isostni li dak in-nuqqas wassal sabiex il-ġudizzju ma kienx integru, u d-deċiżjoni tal-Qorti ma tistax torbot lit-terza persuna ġaladarba ma kinitx parti fil-proċess.

9. F'każ ta' referenza skont l-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4(3) tal-Kap. 319, regolament 5(3) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 12.09 jipprovdi:

> *"(3) Il-qorti li lilha l-kwistjoni tkun riferita għandha, meta tiġi hekk riferita, tqiegħed il-kawża għas-smigħ f'data viċina, f'ebda każ aktar tard minn tmint ijiem tax-xogħol mid-data li fiha l-inkartament ikun inġieb quddiemha u għandha tara illi avviż dwar dik id-data jiġi mogħti lill-partijiet u lill-Avukat Ġenerali*".

10. L-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja ma tistipulax li l-partijiet u l-Avukat tal-Istat għandhom jedd li jippreżentaw tweġiba. Presumibbilment għaliex ir-referenza hi mistoqsija li l-Qorti referenti tagħmel lill-Qorti Ċivili, Prim' Awla minħabba li tqum kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-bniedem u Libertajiet Fundamentali.

11. It-terza persuna mhijiex parti fil-kawża kriminali, u għalhekk mhijiex il-leġittimu kontradittur tal-mertu f'dik il-kawża. Il-Qorti żżid li billi l-kwistjoni kienet dwar terza persuna li evidentement m'għandha l-ebda interess fil-kawża kriminali **l-Pulizija v. Martin Tabone**, it-tweġiba għall-kwistjoni dwar jekk jinkisirx il-jedd fundamentali tat-terza persuna jekk kontra r-rieda tagħha jittieħed *buccal swab* minn fuqha, ma tistax tingħata f'din il-kawża. Kulma kellu jsir mill-Qorti referenti kien li minflok tordna referenza tagħti żmien lill-persuna

kkonċernata sabiex jekk trid tiftaħ kawża li fiha tilmenta u titlob dikjarazzjoni li jekk jittieħed *buccal swab* kontra r-rieda tagħha, x'aktarx ser jinkiser il-jedd fundamentali tagħha taħt l-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

12. Għal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż, minħabba n-novita` tal-kwistjoni jkun floku li kull parti tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha fiż-żewġ stadji tal-proċeduri ta' referenza.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi għar-raġunijiet fuq mogħtija tħassar is-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla tad-29 ta' April 2022, u tiddikjara li ma tistax tingħata tweġiba għar-referenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja minħabba li l-kwistjoni tolqot terza persuna li mhijiex leġittimu kontradittur fil-kawża **l-Pulizija v. Martin Tabone** li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

Spejjeż taż-żewġ istanzi bejn il-partijiet jibqgħu bla taxxa.

Tordna li kopja awtentika ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Qorti referenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm